MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Numru.

Il-Pulizija
(Sup Paul Sammut)
vs
Stacey Chircop, iben Joseph,
imwieled Pieta' fl-20 ta' awissu,
1971
u
Paul Chetcuti, iben Joseph, imwieled Pieta' fit-8 ta' awissu, 1970

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati talli fil-lejl ta' bejn is-6 u is-7 ta' diċembru, 1990, f'dawn il-Gżejjer, ikkomettew serq ta' flus u oġġetti mill-fabbrika Heidemann Sportswear li tinsab il-Marsa, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bil-lok għad-dannu ta' l-istess proprjetarju tal-fabbrika.

Lil Paul Chetcuti, waħdu,
talli hu reċidiv b’sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-17 ta’ mejju, 1989.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-9 ta’ diċembru, 2002 fejn iddikjara li wara li ra
l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
fil-konfront ta’ STACEY CHIRCOP, biss -
fl-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278, 330, 279(b), 280, 281, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
fil-konfront ta’ PAUL CHETCUTI, biss –
fl-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278, 330, 279(b), 280, 281, 289, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ jannar, 2003 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma tirrizulta ebda prova li l-imputati wettqu dan ir-reat u kwalunkwe konsiderazzjoni oħra hi superfluwa.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkuża.

--------------------------------TMIEM--------------------------------